A.L. 483 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SIGURTÀ TA' L-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Isem u bidu fis-seħħ.

1.1 It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tas-sena 2004 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, u dawn għandhom jidħlu fis-seħħ fil-25 ta' Novembru, 2004 iżda:

1.1.1 prodotti li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti iżda li jikkonformaw mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Twaħħil ta' Tikketti u Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, kif emendati, u li kienu tqiegħdu fis-suq jew kienu ġew tikkettjati qabel il-25 ta' Novembru, 2005 jistgħu jibqgħu jinbiegħu sakemm jispiċċċaw il-ħażniet;

1.1.2 id-disposizzjonijiet tas-subregolament 1.1.1 ma għandhomx japplikaw għad-disposizzjonijiet tar-regolament 17.1;

1.1.3 id-disposizzjonijiet tar-regolament 17.1 għandhom japplikaw mill-20 ta' Mejju, 2006, iżda prodotti li ma jikkonformawx mar-regolament 17.1 iżda li kienu tikkettjati qabel l-20 ta' Mejju, 2006 jistgħu jinbiegħu sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

1.2 Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' :

(a) Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu, 2000 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mat-twaħħil ta' tikketti, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel, kif emendata bid-:

– Direttiva tal-Kummissjoni 2001/101/KE tas-26 ta' Novembru, 2001,

– Direttiva tal-Kummissjoni 2002/67/KE tat-18 ta' Lulju, 2002,

– Directtiva 2003/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Novembru 2003;

(b) Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE tat-3 ta' Mejju, 1989 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' oġġetti ta' l-ikel maħ%subin għ%al użijiet nutrittivi partikolari, kif emendata bid-:

– Direttiva 96/84/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru, 1996,

– Direttiva 1999/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju, 1999;

(ċ) Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE tal-15 ta' April, 1987 fuq l-indikazzjoni tal-qawwa alkoħ%olika bil-volum fl-ittikkettjar ta' xarbiet alkoħ%oliċi għall-bejgħ lill-konsumatur aħħari;

(d) Direttiva tal-Kummissjoni 94/54/KE tat-18 ta' Novembru, 1994 dwar l-indikazzjoni obbligatorja fuq it-tikkettjar fuqċerti oġġetti ta' l-ikel ta' dettalji minbarra dawn li hemm maħsub għalihom fid-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE, kif emendata bid:

– Direttiva tal-Kunsill 96/21/KE tad-29 ta' Marzu, 1996,

– Direttiva tal-Kummissjoni 2004/77/KE tad-29 ta' April, 2004;

– Direttiva tal-Kummissjoni 2001/15/KE tal-15 ta' Frar, 2001 fuq sustanzi li jistgħu jiżdiedu għal finijiet nutrittivi speċifiċi f'ikel għal użijiet nutrittivi partikolari, kif emendata bid-:

– Direttiva tal-Kummissjoni 2004/5/KE ta' l-20 ta' Jannar, 2004.

Skop u applikabilità.

2.1 Dawn ir-regolamenti għandhom x'jaqsmu mat-twaħħil ta' tikketti fuq oġġetti ta' l-ikel li jgħaddu bħala tali lill-konsumatur aħħari u ma' ċerti aspetti li għandhom x' jaqsmu mal-preżentazzjoni u r-riklamar tagħhom.

2.2 Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għal oġġetti ta' l-ikel maħsubin biex ikunu pprovduti lil lukandi, ristoranti, sptarijiet, *canteens* u fornituri tal-massa simili (minn issa 'l quddiem imsejjħin 'fornituri tal-massa').

3.1 F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: Tifsiriet u interpretazzjoni.

(a) "twaħħil ta' tikketti" tfisser kull xorta ta' kliem, partikolarijiet, marki tad-ditta, isem tal-marka, materjal bi stampi jew simbolu li għandu x' jaqsam ma' oġġett ta' l-ikel u jitqiegħed fuq kull xorta ta' ppakkjar, dokument, avviż, tikketta,ċirku jew kullar li jkun ma' oġġett ta' l-ikel jew li jkun jirreferi għalih;

(b) "oġġett ta' l-ikel ippakkjat minn qabel" għandu jfisser kull oġġett singolu maħsub biex ikun ippreżentat lill-konsumatur aħħari u lill-fornituri tal-massa, li jkun jikkonsisti minn oġġett ta' l-ikel u l-ippakkjar li jkun tqieghed fih qabel ma kien offrut għall-bejgħ, kemm jekk dan l-ippakkjar jagħlaq ġo fih l-oġġett ta' l-ikel kollu jew parzjalment biss, imma f' kull każ b'mod li l-kontenut ma jistax jinbidel jekk l-ippakkjar ma jinfetaħx jew ma jinbidilx.

(ċ) "ingredjent" għandha tfisser kull sustanza, inklużi addittivi, użata fil-manifattura jew preparazzjoni ta' oġġett ta' l-ikel u li jkun għadu preżenti fil-prodott lest, anki jekk f' forma mibdula.

(d) "silġ li jista' jittiekel" jinkludi ġelati, silġ ta' l-ilma u silġ tal-frott, kemm jekk waħedhom u kemm jekk f' taħlita, u kull ikel simili.

(e) "prodott tal-ħelu" tfisser kull oġġett tal-ħelu magħmul miċ-ċikkulata jew tal-ħelu magħmul miz-zokkor.

(f) "prodott tal-ħelu *fancy*" tfisser kull prodott tal-ħelu li għandu forma ta' figura, animal, siġarett jew bajda jew xi forma *fancy* oħra.

(g) "gallettini" tinkludi wejfers, qriemeċ, ftajjar tal-ħafur u *matzos*.

(h) "stabbiliment tal-forniment" tfisser kull ristorant, canteen, club, pub, skola, sptar u stabbiliment simili (inkluż vettura jew posta immobbli jew mobbli) fejn, fil-kors tan-negozju, ikun imħejji l-ikel biex jgħaddi għall-konsumatur aħħari u jkun lest biex jittiekel bla ebda tħejjija ulterjuri.

(i) "ġobon" tfisser il-prodott frisk jew maturat maħsub biex jinbiegħ għall-konsum uman, li jittieħed kif ġej:

(i) fil-każ ta' ġobon minbarra ġobon tax-xorrox, bit-taħlit, bit-tagħqid jew b'kull teknika li tinvolvi tagħqid, ta' xi waħda mis-sustanzi li ġejjin: ħalib, krema, ħalib xkumat, ħalib xkumat parzjalment, trab tal-ħalib konċentrat, trab tal-ħalib rikostitwit, xorrox tal-butir, materjali meħudin mill-ħalib, ingredjenti oħra meħtieġa għall-manifattura tal-ġobon sakemm dawn ma jintużawx biex jieħdu post, għalkollox jew parzjalment, ta' xi kostitwent tal-ħalib, bit-tneħħija jew mingħajr it-tneħħija tax-xorrox li joħroġ mit-tagħqid;

(ii) fil-każ ta' ġobon tax-xorrox -

– bil-konċentrazzjoni tax-xorrox biż-żjieda jew bla żjieda ta' ħalib u xaħam tal-ħalib, u billi tingħata forma lil dan ix-xorrox konċentrat, jew

– bit-tagħqid tax-xorrox biż-żjieda jew bla żjieda ta' ħalib u xaħam tal-ħalib.

(j) "krema" tfisser dik il-parti tal-ħalib li fiha ħafna xaħam li kienet separata bl-ixkumar jew b'mod ieħor u li hija maħsuba għall-konsum uman.

(k) "mard" tinkludi kull leżjoni, uġigħ jew kondizzjoni ħażina, kemm tal-ġisem u kemm tal-moħħ.

(l) "ħelu tad-dqiq" tfisser kull ikel imsajjar li hu lest għall-konsum mingħajr ħtieġa ta' aktar tħejjija (minbarra tisħin), li ingredjent karatteristiku tiegħu hu ċereali mitħunin, inklużi *shortbread, sponges, crumpets, muffins, macaroons, ratafias*, għaġina u *cases* ta' l-għaġina, u tinkludi wkoll meringues, petits fours, u għaġina u cases ta' l-għaġina mhux imsajjrin, iżda ma tinkludix ħobż, pizez, gallettini, *crispbread*, ħobż ċatt *extruded* jew kull ikel li jkun fih mili li bħala ingredjent għandu xi ġobon, laħam, ġewwieni ta' annimali, ħut, frott tal-baħar, materjal ta' proteina tal-ħaxix jew materjal ta' proteina mikrobijali.

(m) "radjazzjoni jonizzanti" tfisser kull raġġi gamma, raġġi X jew radjazzjonijiet korpuskolari li jistgħu jipproduċu joni jew direttament jew indirettament minbarra dawk ir-raġġi jew radjazzjonijiet li jintefgħu minn tagħmir ta' tikjil jew ta' spezzjonar, sakemm id-doża assorbita m'hix aktar minn 0.01 Gy fil-każ ta' tagħmir ta' spezzjonar li jutilizza newtroni u 0.5 Gy f' każijiet

oħra, f' livell ta' radjazzjoni massimu ta' 10 MeV fil-każ ta' raġġi X, 14 MeV fil-każ ta' newtroni u 5 MeV f' każijiet oħra.

(n) "ittrattat b'radjazzjoni" tfisser soġġett għal trattament b'radjazzjoni jonizzanti.

(o) "lott" tfisser qabda unitajiet ta' ikel għall-bejgħ prodotti, manifatturati jew ippakkjati f' kondizzjonijiet li jixtiebhu;.

(p) "indikazzjoni li timmarka lott" tfisser indikazzjoni li tippermetti identifikazzjoni tal-lott li għalih tappartjeni unità ta' ikel għall-bejgħ.

(q) "ħalib" tfisser ħalib maħsub għal bejgħ, jew mibjugħ, għall-konsum uman ta' -

(i) baqra jew aktar, u jinkludi ħalib xkumat, ħalib nofsu xkumat u ħalib bix-xaħam naturali, jew

(ii) nagħġa jew aktar, mogħoż jew bufli.

(r) "ippakkjat minn qabel biex jinbiegħ direttament" tfisser,

(i) f'relazzjoni ma' ikel minbarra ħelu tad-dqiq, ħobż, u silġ li jista' jittiekel, ippakkjat minn qabel mill-bejjiegħ bl-imnut biex jinbiegħ minnu fuq il-post fejn l-ikel hu ppakkjat jew minn vettura jew posta użata minnu, u

(ii) f'relazzjoni ma' ħelu tad-dqiq, ħobż, u silġ li jista' jittiekel, ippakkjat minn qabel mill-bejjiegħ bl-imnut biex jinbiegħ kif hemm f'sub-paragrafu (i) ta' din id-definizzjoni, jew ippakkjat minn qabel mill-prodottur ta' l-ikel biex jinbiegħ minnu jew mill-post fejn l-ikel ikun prodott jew minn post ieħor minn fejn imexxi n-negozju taħt l-istess isem tan-negozju mmexxi fil-post fejn l-ikel hu prodott.

(s) "tħejjija" jew "preparazzjoni" , f'relazzjoni ma' ikel, tinkludi manifattura u kull forma ta' proċessar jew trattament, u"mħejji" jew"ippreparat" għandhom ikunu interpretata b'dan il-mod.

(t) "pakk b'għażla ta' l-istaġun" tfisser pakk li jkun jikkonsisti f'żewġ oġġetti ta' l-ikel jew aktar li huma magħluqin għalkollox jew parzjalment f'ippakkjar minn barra ddekorat b'disinji ta' l-istaġun.

(u) "kura", f'relazzjoni ma' mard, tinkludi għemil jew provvediment ta' kull ħaġa biex jittaffew l-effetti tal-mard, kemm jekk dan isir jew ikun ipprovdut b'kura kemm jekk le.

(v) "ikel għal użu nutrittiv partikolari" tfisser ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem li–

(i) minħabba l-kompożizzjoni speċjali jew il-proċess ta' manifattura tiegħu, jintgħażel tajjeb ħafna minn ikel maħsub għal konsum normali uman, hu adattat għall-iskop nutrittiv partikolari li jingħad li hu maħsub għalih, u

(ii) jinbiegħ b'mod li jindika li hu adattat għalhekk.

(w) "Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea.

(x) "Stat Membru" għandha tfisser Stat Membru tal-Komunità Ewropea.

(y) "Direttiva" tfisser Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-twaħħil ta' tikketti, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel.

(z) "Direttorat għall-Oġġetti ta' l-Ikel" għandha tfisser id-Direttorat responsabli għall-Oġġetti ta' l-Ikel mwaqqaf fl-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*.

Pretensjonijiet qarrieqa.

4.1 It-twaħħil ta' tikketti u metodi użati ma għandhomx:

(a) Ikunu b'mod li jistgħu jqarrqu lix-xerrej fi grad materjali, partikolarment:

(i) dwar il-karatteristiċi ta' l-oġġett ta' l-ikel u, b'mod partikolari, dwar in-natura, identità, proprjetajiet, kompożizzjoni, kwantità, durabilità, oriġini jew provenjenza, metodu ta' manifattura jew produzzjoni tiegħu;

(ii) billi jattribwixxu lill-oġġett ta' l-ikel effetti u proprjetajiet li m'għandux;

(iii) billi jissuġġerixxu li l-oġġett ta' l-ikel għandu karatteristiċi speċjali meta fil-fatt kull xorta ta' oġġett ta' l-ikel simili għandu dawn il-karatteristiċi;

(b) bla ħsara għal disposizzjonijiet oħra applikabbli għal ilma minerali naturali u oġġetti ta' l-ikel għal użijiet nutrittiv partikolari, jattribwixxu lil xi oġġett ta' l-ikel il-proprjetà li jipprevjeni, jittratta jew jikkura mard uman, jew jirreferu għal proprjetajiet ta' din ix-xorta.

4.2 Il-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 4.1 għandhom japplikaw ukoll:

(a) għall-preżentazzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel, b'mod partikolari l-forma, id-dehra jew l-ippakkjar tagħhom, il-materjal ta' l-ippakkjar użat, il-mod kif huma rranġati u l-ambjent fejn huma esposti;

(b) għar-riklamar.

5.1 Skond ir-regolamenti 6 sa 18 u bla ħsara għall-eċċezzjonijiet li hemm fihom, hu obbligatorju li fuq it-tikketti ta' l-oġġetti ta' l-ikel ikunu indikati l-partikolaritajiet li ġejjin: Partikolaritajiet obbligatorji.

(a) l-isem tal-bejgħ tal-prodott;

(b) il-lista ta' l-ingredjenti;

(ċ) il-kwantità ta' ċerti ingredjenti jew kategoriji ta' ingredjenti kif imniżżel fir-regolament 9;

(d) id-data tad-durabilità minima jew, fil-każ ta' oġġetti ta' l-ikel li, mill-aspett mikrobijoloġiku, imorru malajr ħafna, id-data"uża sa" ;

(e) kull kondizzjoni għal ħżin speċjali jew kondizzjoni ta' użu;

(f) l-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-manifattur jew ta' min jippakkja, jew ta' bejjiegħ stabbilit f' Malta jew fil-Komunità Ewropea, b'dan iżda li uffiċċju tal-posta m'għandux jitqies bħala indirizz validu għall-iskopjiet ta' dawn ir-regolamenti;.

(g) partikolaritajiet tal-post ta' oriġini jew provenjenza fil-każ li n-nuqqas ta' l-għoti ta' dawn il-partikolaritajiet jista' jqarraq lill-konsumatur fi grad materjali rigward l-oriġini jew provenjenza vera ta' l-oġġett ta' l-ikel;

(h) struzzjonijiet għall-użu meta jkun impossibbli li l-oġġetti ta' l-ikel jintużaw kif għandu jkun fin-nuqqas ta' dawn l-istruzzjonijiet;

(i) fir-rigward ta' xorb li jkollu aktar minn 1.2 % alkoħol ikkalkulat bil-volum, il-qawwa alkoħolika ikkalkulata bil-volum.

5.2 Id-disposizzjonijiet tar-regolament 5.1 għandhom japplikaw bla ħsara għal disposizzjonijiet oħra fir-rigward ta' piżijiet u qisien.

Disposizzjonijiet oħra applikabbli għal oġġetti ta' l-ikel speċifikati.

6.1 Disposizzjonijiet oħra applikabbli għal oġġetti ta' l-ikel speċifikati u mhux għal oġġetti ta' l-ikel in ġenerali jistgħu jwasslu għal derogi, f' każi eċċezzjonali, mir-rekwiżiti mniżżlin f' Artiklu 5.1 punti (b) u (d), sakemm dan ma jwassalx biex ix-xerrej ma jkunx infurmat adegwatament.

6.2 Disposizzjonijiet oħra applikabbli għal oġġetti ta' l-ikel speċifikati u mhux għal oġġetti ta' l-ikel in ġenerali jistgħu jwasslu biex partikolaritajiet oħra b'żjieda ma' dawk imniżżlin fir-regolament 5.1 għandhom jidhru fuq it-tikketta.

Isem tal-bejgħ tal-prodott.

7.1 L-isem tal-bjegħ tal-prodott għandu jkun l-isem ipprovdut fid-disposizzjonijiet tal-Komunità speċifiċi applikabbli għalih, iżda,

(a) fin-nuqqas ta' provvedimenti tal-Komunità, l-isem tal-bejgħ ta' prodott għandu jkun l-isem ipprovdut fil-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi applikabbli f' Malta.

(b) fin-nuqqas ta' dan, l-isem tal-bejgħ ta' prodott għandu jkun l-isem li bih hu komunement magħruf f' Malta, jew deskrizzjoni ta' l-oġġett ta' l-ikel, u jekk ikun meħtieġ ta' l-użu tiegħu, li jkunċar biżżejjed biex ix-xerrej ikun jaf ix-xorta vera tiegħu u jagħrfu minn prodotti oħra li jista' jitħawwad magħhom.

(ċ) għandu jkun permess ukoll l-użu f' Malta ta' l-isem li bih il-prodott hu manifatturat u mibjugħ legalment fl-Istat Membru fejn hu prodott. Madankollu meta l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, b'mod partikolari dawk imniżżlin fir-regolament 5.1, ma tippermettix lill-konsumaturi f' Malta li jkunu jafu n-natura vera ta' l-oġġett ta' l-ikel u jagħrfuh minn prodotti oħra li jista' jitħawwad magħhom, l-isem tal-bejgħ għandu jkollu miegħu informazzjoni deskrittiva oħra li għandha tidher qrib l-isem tal-bejgħ.

(d) f' każi eċċezzjonali, l-isem tal-bejgħ ta' l-Istat Membru fejn hu prodott ma jistax jintuża f' Malta meta l-oġġett ta' l-ikel li

jiddeskrivi jkun tant differenti, fir-rigward tal-kompożizzjoni jew manifattura tiegħu, mill-oġġett ta' l-ikel magħruf b'dak l-isem li l-provvedimenti tal-paragrafu (c) ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw informazzjoni korretta lill-konsumaturi f'Malta.

7.2 Ebda marka tad-ditta, isem tad-ditta jew isem *fancy* ma jista' jieħu post l-isem li bih il-prodott jinbiegħ.

7.3 L-isem li bih prodott jinbiegħ għandu jinkludi jew ikollu miegħu partikolaritajiet rigward il-kondizzjoni fiżika ta' l-oġġett ta' l-ikel jew it-trattament speċjali li jkun ingħata (ngħidu aħna, magħmul trab, mnixxef bil-friża, iffriżat, mrattab, ikkonċentrat, iffumigat) kull meta n-nuqqas ta' din l-informazzjoni jista' joħloq konfużjoni f' moħħ ix-xerrej.

7.4 Kull oġġett ta' l-ikel li kien ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti għandu jġib fuqu waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin:

– bil-Malti:

"ittrattat bir-radjazzjoni" jew "ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti"

– bl-Ingliż:

"irradiated" jew"treated with ionising radiation" ,

– bit-Taljan:

"irradiato" jew "trattato con radiazioni ionizzanti" .

8.1 Ingredjenti għandhom ikunu elenkati skond dan il-paragrafu u l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet (Partijiet A u B) Skeda ta' dawn ir-regolamenti. Elenkar ta' ingredjenti.

8.2 Ingredjenti ma hemmx għalfejn ikunu elenkati fil-każ ta' :

(a) – frott u ħaxix frisk, inklużi patata, li ma jkunux tqaxxru, tqattgħu jew kienu ttrattati b'xi mod simili,

– ilma karbonizzat, li d-deskrizzjoni tiegħu tindika li kien ikkarbonizzat u li ma żdidulux ingredjenti oħra,

– kull xarba b'kontenut ta' alkoħol ta' aktar minn 1.2%,

– ħall għall-fermentazzjoni meħud esklusivament minn prodott bażiku wieħed, sakemm ma żdidlux xi ingredjent ieħor;

(b) – ġobon,

– butir,

– ħalib u krema ffermentati,

– sakemm ma jkunux żdidulhom ingredjenti oħra minbarra prodotti lattiċi, enzimi u kolturi mikro-organiċi essenzjali għall-manifattura, jew il-melħ meħtieġ għall-manifattura tal-ġobon minbarra ġobon frisk u ġobon ipproċessat;

(ċ) prodotti li fihom ingredjent wieħed, meta:

– l-isem tal-marka hu identiku ma' l-isem ta' l-ingredjent, jew

– l-isem tal-marka jaċċerta l-identifikazzjoniċara tax-xorta ta' l-ingredjent.

B'dan iżda li,

Kull ingredjent, kif definit fis-subregolament 3.1(c) u elenkat fil-Parti B tat-Tielet Skeda, għandu jkun indikat fuq it-tikketta meta hu preżenti f'xarbiet imsemmija fis-subregolament 8.2(a). Din l-indikazzjoni għandu jkollha l-kelma' fih' segwita mill-isem ta' l-ingredjent(i) involut(i). Iżda m'hix meħtieġa indikazzjoni meta l-ingredjent hu diġà inkluż taħt l-isem speċifiku tiegħu fil-lista ta' ingredjenti jew fl-isem li bih ix-xarba tinbiegħ.

8.3 Meta ingredjent ta' oġġett ta' l-ikel hu nnifsu hu l-prodott ta' ħafna ingredjenti, dawn ta' l-aħħar għandhom jitqiesu bħala ingredjenti ta' l-oġġett ta' l-ikel in kwistjoni.

8.4 Dawn li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala ingredjenti:

(i) il-kostitwenti ta' ingredjent li jkunu ġew separati temporanjament waqt il-proċess tal-manifattura u wara mdaħħlin mill-ġdid iżda f' qjies li ma jaqbiżx il-proporzjonijiet oriġinali tagħhom;

(ii) addittivi:

– li l-preżenza tagħhom f' oġġett ta' l-ikel partikolari qiegħda biss għaliex kienu qegħdin f' wieħed jew aktar mill-ingredjenti ta' dak l-oġġett ta' l-ikel, sakemm ma għandhom ebda funzjoni teknoloġika fil-prodott lest,

– li jintużaw bħala għajnuna fl-ipproċessar;

(iii) sustanzi użati fi kwantitajiet strettament meħtieġa bħala solventi jew medja għall-addittivi jew ħwawar.

(iv) sustanzi li ma humiex additivi iżda jintużaw bl-istess mod u għall-istess skop bħala għajnuniet fl-ipproċessar u għadhom preżenti fil-prodott lest, anki jekk f' forma mibdula.

8.5 Il-lista ta' ingredjenti għandha tinkludi l-ingredjenti kollha ta' l-oġġett ta' l-ikel, f' ordni nieżel skond il-piż, kif irrekordjati fil-ħin meta ntużaw fil-manifattura ta' l-oġġett ta' l-ikel. Din għandha tidher wara titolu adattat li jinkludi l-kelma "ingredjenti" .

Iżda:

– ilma miżjud u prodotti volatili għandhom jitniżżlu fl-ordni skond il-piż fil-prodott lest; l-ammont ta' ilma miżjud bħala ingredjent għandu jkun ikkalkulat billi l-ammont totali ta' l-ingredjenti l-oħra użati jitnaqqas mill-ammont totali tal-prodott lest. Dan l-ammont m'hemmx għalfejn jitqies jekk ma jaqbiżx il-5 % skond il-piż tal-prodott lest,

– ingredjenti użati f' forma konċentrata jew deidrata u rikostitwita fil-ħin tal-manifattura jistgħu jitniżżlu fl-ordni skond il-piż kif reġistrat qabel il-konċentrazzjoni jew deidrazzjoni tagħhom,

– fil-każ ta' ikel ikkonċentrat jew deidrat maħsub biex ikun rikostitwit biż-żjieda ta' l-ilma, l-ingredjenti jistgħu jitniżżlu skond l-ordni ta' proporzjon fil-prodott rikostitwit sakemm mal-lista ta' ingredjenti jkun hemm espressjoni bħal"ingredjenti tal-prodott rikostitwit" jew "ingredjenti tal-prodott lest biex jintuża" ,

– fil-każ ta' taħlitiet ta' frott, ħxejjex jew faqqiegħ bħala ingredjenti ta' oġġett ta' l-ikel, meta ebda waħda minnhom ma tikbes oħrajn fil-proporzjon skond il-piż u li jintużaw fi proporzjonijiet li x' aktarx jinbidlu, dawn jistgħu jitwaħħdu bħala grupp fil-lista ta' ingredjenti taħt id-deskrizzjoni' frott' ,' ħxejjex' jew 'faqqiegħ' segwiti mill-frażi "fi proporzjonijiet varjabbli", segwita immedjatament minn lista tal-frott, ħxejjex jew faqqiegħ

li jkun hemm fihom; f' każijiet bħal dawn, it-taħlita għandha tiddaħħal fil-lista ta' ingredjenti skond l-ewwel subparagrafu, fuq il-bażi tal-piż totali tal-frott, ħxejjex jew faqqiegħ li jkun hemm fihom,

– fil-każ ta' taħlitiet ta' ħwawar jew ħxejjex aromatiċi, meta ebda waħda minn dawn ma tikbes oħrajn fil-proporzjon skond il-piż, dawk l-ingredjenti jistgħu jitniżżlu f' ordni ieħor sakemm ma' dik il-lista ta' ingredjenti jkun hemm espressjoni bħal "fi proporzjon varjabbli",

– ingredjenti li jikkostitwixxu inqas minn 2 % tal-prodott lest jistgħu jitniżżlu f' ordni differenti wara l-ingredjenti l-oħra,

– meta ingredjenti li jixtiebhu jew jistgħu jissostiwixxu lil xulxin x'aktarx li se jintużaw fil-manifattura jew preparazzjoni ta' oġġett ta' l-ikel bla ma jibdlulu l-kompożizzjoni, in-natura jew il-valur perċepit tiegħu, u safejn jikkostitwixxu inqas minn 2 % tal-prodott lest, dawn jistgħu jissemmew fil-lista ta' ingredjenti permezz tal-frażi "fih .... u/jew ...." , meta wieħed minn mhux aktar minn żewġ ingredjenti jkun fil-prodott lest. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal addittivi jew għal ingredjenti mniżżlin fil-Parti B tat-Tielet Skeda.

8.6 Ingredjenti għandhom ikunu deskritti bl-isem speċifiku tagħhom, meta hu applikabbli, skond ir-regoli mniżżlin fir-regolamenti 7.1 sa 7.4.

Iżda:

– ingredjenti li huma ta' waħda mill-kategoriji elenkati fl-Ewwel Skeda u li huma kostitwenti ta' oġġett ta' l-ikel ieħor jistgħu jkunu deskritti biss bl-isem ta' dik il-kategorija; iżda mad-deskrizzjoni"lamtu" elenkata fl-Ewwel Skeda għandu dejjem ikun hemm indikazzjoni ta' minn liema ħaxix speċifikat ittieħed, meta dak l-ingredjent jista' jkollu l-glutina,

– ingredjenti li huma ta' waħda mill-kategoriji elenkati fit-Tieni Skeda għandhom ikunu deskritti bl-isem ta' dik il-kategorija, li warajh jingħata l-isem speċifiku jew in-numru KE tiegħu; jekk ingredjent ikun ta' aktar minn waħda mill-kategoriji, fil-każ ta' l-oġġett ta' l-ikel in kwistjoni għandha tkun indikata l-kategorija proprja għall-funzjoni prinċipali; iżda mad-deskrizzjoni "lamtu modifikat" elenkata fit-Tieni Skeda għandu dejjem ikun hemm indikazzjoni ta' minn liema ħaxix speċifikat ittieħed, meta dak l-ingredjent jista' jkollu l-glutina,

– ħwawar għandhom ikunu deskritti skond Parti A tat-Tielet Skeda, b'dan iżda li kinina u/jew kafeina użata bħala ħwawar fil-produzzjoni jew preparazzjoni ta' oġġett ta' l-ikel għandhom jssemmew b'isimhom fil-lista ta' ingredjenti indikati fir-regolament 5.1, immedjatament wara t-terminu' taħwir' .

8.7 Disposizzjonijiet oħra jistgħu jispeċifikaw li ma' l-isem li oġġett ta' l-ikel jinbiegħ bih jissemmew ukoll ingredjent jew ingredjenti partikolari.

8.8 Fil-każ li hemm referenza għalih fir-regolament 8.3, ingredjent kompost jista' jiżdied mal-lista ta' ingredjenti, skond id-deskrizzjoni tiegħu safejn din hija speċifikata bil-liġi jew stabbilita b'konswetudni, skond il-piż totali tiegħu, sakemm immedjatament warajh tingħata lista ta' l-ingredjenti tiegħu.

Iżda l-lista ta' dix-xorta m'għandhiex tkun obbligatorja:

(a) meta l-kompożizzjoni ta' l-ingredjent kompost hija definita fil-leġislazzjoni Komunitarja kurrenti, u safejn l-ingredjent kompost jikkostitwixxi inqas minn 2 % tal-prodott lest; iżda, din id-disposizzjoni ma għandhiex tapplika għal addittivi, bla ħsara għar-regolament 8.4,

(b) fil-każ ta' ingredjenti komposti li jikkonsistu f'taħlitieti ta' ħwawar u/jew ħxejjex aromatiċi li jikkonstitwixxu inqas minn 2 % tal-prodott lest, bl-eċċezzjoni ta' addittivi, bla ħsara għar-regolament 8.4,

(ċ) meta l-ingredjent kompost hu oġġett ta' l-ikel li għalih m'hix meħtieġa lista ta' ingredjenti taħt il-leġislazzjoni Komunitarja.

8.9 Minkejja r-regolament 8.5 l-kontenut ta' l-ilma m'hemmx għalfejn ikun speċifikat:

(a) meta l-ilma jintuża waqt il-proċess ta' manifattura għar-rikostituzzjoni biss ta' l-ingredjent użat f'forma konċentrata jew deidrata;

(b) fil-każ ta' sustanza likwida li normalment ma tkunx ikkunsmata.

8.10 Minkejja r-regolament 8.2, it-tieni subparagrafu tas-subregolament 8.6 u t-tieni subparagrafu tas-subregolament 8.8, kull ingredjent użat fil-produzzjoni ta' oġġett ta' l-ikel u għadu preżenti fil-

prodott lest, anke jekk f' forma mibdula, u hu elenkat fil-Parti B tat-Tielet Skeda jew li joriġina minn ingredjent elenkat fil-Parti B tat-Tielet Skeda għandu jkun indikat fuq it-tikketta b'referenzaċara għall-isem ta' dan l-ingredjent.

Iżda,

l-indikazjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandhiex tenħtieġ jekk l-isem li bih l-oġġett ta' l-ikel jinbiegħ jirreferi ċar għall-ingredjent involut;

minkejja s-subregolament 8.4 (ii), (iii) u (iv), kull sustanza użata fil-produzzjoni ta' oġġett ta' l-ikel u għadha preżenti fil-prodott lest, anke jekk f' forma mibdula, u li toriġina minn ingredjenti elenkati fil-Parti B tat-Tielet Skeda għandha titqies bħala ingredjent u għandha tkun indikata fuq it-tikketta b'referenza ċara għall-isem ta' l-ingredjent li toriġina minnu;

fil-każ ta' oġġetti ta' l-ikel konsenjati lill-konsumatur aħħari minn fornituri tal-massa, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti jekk il-fornitur jinforma lill-konsumatur, wara li jintalab, bil-preżenza jew assenza ta' xi ingredjent(i) elenkat(i) fil-Parti B tat-Tielet Skeda.

Kwantità ta' ingredjenti.

9.1 Il-kwantità ta' ingredjent jew kategorija ta' ingredjenti użati fil-manifattura jew it-tħejjija ta' oġġett ta' l-ikel għandha tingħata.

9.2 L-indikazzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 9.1 għandha tkun obbligatorja:

(a) meta l-ingredjent jew kategorija ta' ingredjenti involuti tidher taħt l-isem li bih jinbiegħ l-oġġett ta' l-ikel jew li normalment hu assoċjat ma' dak l-isem mill-konsumatur; jew

(b) meta l-ingredjent jew kategorija ta' ingredjenti involuti huma enfasizzati fit-tikketta bi kliem, tpinġijiet jew stampi grafiċi; jew

(ċ) meta l-ingredjent jew kategorija ta' ingredjenti involuti jkunu essenzjali biex jikkaratterizzaw oġġett ta' l-ikel u biex jiddistingwuh minn prodotti li jista' jitħawwad magħhom minħabba l-isem jew id-dehra tagħhom; jew

(d) fil-każi stipulati skond il-proċedura mniżżla f'Artiklu 20(2) tad-Direttiva.

9.3 Ir-regolament 9.2 ma għandux japplika:

(a) għal ingredjent jew kategorija ta' ingredjenti

– li l-piż nett bla ilma tagħhom hu indikat skond ir-regolament 10.4, jew

– li hu diġà meħtieġ li l-kwantitajiet tagħhom jidhru fuq it-tikketta skond id-disposizzjonijiet tal-Komunità, jew

– li jintużaw fi kwantitajiet żgħar għal skopijiet ta' taħwir, jew

– li, waqt li jidher fl-isem li bih jinbiegħ l-ikel, m'hux tali li jiddeterima l-għażla tal-konsumatur f' Malta għaliex il-varjazzjoni fil-kwantità m'hix essenzjali biex tikkaratterizza l-oġġett ta' l-ikel jew ma tiddistingwihx minn ikel simili;

– meta disposizzjonijiet Komunitarji speċifiċi jistipulaw eżattament il-kwantità ta' ingredjent jew ta' kategorija ta' ingredjenti bla ma jipprovdu li għandha tkun indikata fuq it-tikketta;

(b) fil-każijiet li hemm referenza għalihom fir-raba' u l-ħames subinċiżi tar-regolament 8.5;

(ċ) fil-każijiet stipulati skond il-proċedura mniżżla f' Artikolu 20(2) tad-Direttiva.

9.4 Il-kwantità indikata, espressa bħala perċentwali, għandha tikkorrispondi mal-kwantità ta' l-ingredjent jew ingredjenti fil-ħin li jkunu ser jintużaw. Iżda, disposizzjonijiet oħra, adottati skond il-proċedura mniżżla f' Artikolu 20(2) tad-Direttiva, jistgħu jippermettu derogi minn dan il-prinċipju fil-każ ta' ċerti oġġetti ta' l-ikel.

9.5 L-indikazzjoni msemmija fir-regolament 9.1 għandha tidher jew fl-isem li bih jinbiegħ l-oġġett ta' l-ikel jew immedjatament ħdejh jew fil-lista ta' ingredjenti f' konnessjoni ma' l-ingredjent jew kategorija ta' ingredjenti in kwistjoni.

9.6 Id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 9.1 sa 9.5 għandhom japplikaw bla preġudizzju għar-Regolamenti ta' l-1998 dwar l-Ittikkettjar b'Tagħrif Nutrittiv għall-Ħwejjeġ ta l-Ikel.

Data ta' durabilità minima.

10.1 Id-data ta' durabilità minima ta' oġġett ta' l-ikel għandha tkun id-data sa meta oġġett ta' l-ikel jibqa' jkollu l-proprjetajiet speċifiċi meta maħżun kif għandu jkun. Id-data għandha tkun indikata skond kif jitolbu r-regolamenti 10.2 sa 10.5.

10.2 Id-data għandha tiġi wara l-kliem:

– "L-aħjar qabel ..." meta d-data tinkludi indikazzjoni ta' ġurnata,

– "L-aħjar qabel tmiem..." f' każijiet oħra.

10.3 Mal-kliem isemmi fir-regolament 10.2 għandu jkun hemm:

– jew id-data nnifisha, jew

– referenza għal fejn id-data tingħata fuq it-tikketta.

Jekk ikun meħtieġ, wara dawn il-partikolaritajiet għandha tingħata deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet ta' ħżin li jridu jkunu sodisfatti biex il-prodott iżomm sal-perijodu speċifikat.

10.4 Id-data għandha tikkonsisti fil-ġurnata, ix-xahar u s-sena f'forma kronoloġika u mingħajr ebda *code*.

Iżda, fil-każ ta' oġġetti ta' l-ikel:

– li ma jżommux aktar minn tliet xhur, indikazzjoni tal-ġurnata u x-xahar tkun biżżejjed,

– li jżommu aktar minn tliet xhur iżda mhux aktar minn 18-il xahar, indikazzjoni tax-xahar u s-sena tkun biżżejjed,

– li jżommu aktar minn 18-il xahar, indikazzjoni tas-sena tkun biżżejjed.

10.5 Bla ħsara għal dispożizzjonijiet oħra li jimponu xorta oħra ta' indikazzjoni tad-data, indikazzjoni tad-data ta' durabilità m'hix meħtieġa fil-każ ta' :

– frott u ħaxix friski, inkluża patata mhix imqaxxra, mqattgħa jew ittrattata b'xi mod simili. Din id-deroga ma għandhiex tapplika għal żrieragħ qed inibbtu u prodotti simili bħal nibbieta ta' legumi,

– nbejjed, nbejjed likuri, nbejjed ifexfxu, nbejjed aromatizzati u prodotti simili meħudin minn frottijiet minbarra għeneb, u xarbiet li jaqgħu taħt il-Linji Gwida CN 2206 00 91, 2206 00 93 u 2206 00 99 u manifatturati minn għeneb jew minn għeneb magħsur qabel jeħmer,

– xarbiet li fihom 10 % jew aktar alkoħol imkejjel bil-volum,

– xarbiet ħfief, meraq tal-frott, nektari tal-frott u xarbiet alkoħoliċi f'kontenituri individwali li jesgħu aktar minn ħames litri, maħsubin biex ifornu fornituri tal-massa,

– oġġetti tal-furnara jew tal-koki ta' l-għaġejjen li, mħabba x-xorta tal-kontenut tagħhom, normalment jittieklu fi żmien 24 siegħa minn xħin jinħadmu,

– ħall,

– melħ tat-tisjir,

– zokkor solidu,

– prodotti tal-ħelu magħmulin kawżi għalkollox minn zokkor imħawwar u/jew ikkulurit,

– *chewing gum* u prodotti simili li jimtagħdu,

– ġelati f'porzjonijiet individwali.

11.1 Fil-każ ta' oġġetti ta' l-ikel li, mill-aspett mikrobijoloġiku, imorru malajr u għalhekk x' aktarx li jikkostitwixxu periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem, id-data"uża sa" għandha tieħu post id-data ta' durabilità minima. Data "Uża sa".

11.2 Id-data għandha tiġi wara l-kliem:

– bil-Malti:
"uża sa"

– bl-Ingliż:
"use by",

– bit-Taljan:
"da consumare entro",

Ma' dan il-kliem għandu jkun hemm ukoll:

– jew id-data nnifisha, jew

– referenza għal fejn id-data tingħata fuq it-tikketta.

Wara dawn il-partikolaritajiet għandha tingħata deskrizzjoni talkondizzjonijiet ta' ħżin li jridu jkunu osservati.

11.3 Id-data għandha tikkonsisti fil-ġurnata, ix-xahar u, possibilment, is-sena f'din l-ordni u f'forma mingħajr ebda *code*.

11.4 L-użu tad-data "uża sa" jew tad-data ta' durabilità minima, skond il-każ, għandu jkun determinat mill-manifattur jew minn min jippakkja l-prodott.

11.5 Ebda persuna ma tista' tbigħ ikel wara d-data murija fiddata"uża sa" li għandha x' taqsam magħha.

Istruzzjonijiet dwar l-użu.

12.1 L-istruzzjonijiet dwar l-użu ta' oġġett ta' l-ikel għandhom ikunu indikati b'mod li jippermettu l-użu kif għandu jkun tiegħu.

12.2 Disposizzjonijiet oħra jistgħu, fil-każ ta' ċerti oġġetti ta' l-ikel, jispeċifikaw il-mod kif l-istruzzjonijiet dwar l-użu għandhom ikunu indikati.

Indikazzjoni ta' qawwa alkoholika.

13.1 Ir-regoli dwar indikazzjoni ta' qawwa alkoħolika skond il-volum, fil-każ ta' prodotti koperti mit-titoli ta' tariffa Numri 22.04 u 22.05, għandhom ikunu dawk imniżżlin fid-disposizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal prodotti ta' dik ix-xorta.

13.2 Fil-każ ta' xarbiet oħra li fihom aktar minn 1.2 % alkoħol imkejjel bil-volum, dawn ir-regoli għandhom ikunu dawk imniżżlin fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Indikazzjoni ta' partikolaritajiet fuq prodotti ppakkjati minn qabel.

14.1 Meta oġġetti ta' l-ikel ikunu ppakkjati minn qabel, ilpartikolaritajiet mitluba fir-regolamenti 5.1 u 6.2 għandhom jidhru fuq il-pakkett ippakkjat minn qabel jew fuq tikketta mwaħħla miegħu.

14.2 Minkejja r-regolament 14.1 u bla ħsara għal disposizzjonijiet oħra fuq kwantitajiet nominali, meta oġġetti ppakkjati minn qabel ikunu:

– maħsubin għall-konsumatur aħħari iżda jinbiegħu fi stadju qabel dak meta jgħaddu għall-konsumatur aħħari u meta ma jkunx hemm bejgħ lil fornitur tal-massa f'dan l-istadju,

– maħsubin għall-forniment ta' fornituri tal-massa għat-tħejjija, ipproċessar, qsim fi tnejn jew fi bċejjeċ,

il-partikolaritajiet meħtieġa skond ir-regolamenti 5.1 u 6.2 jistgħu jidhru biss fuq id-dokumenti kummerċjali li jirreferu għall-oġġett ta' l-ikel meta jista' jkun iggarantit li dawn id-dokumenti, li jkun fihom l-informazzjoni kollha ta' fuq it-tikketta, jew ikunu ma' l-oġġetti ta' l-ikel li jirreferu għalihom jew ikunu ntbagħtu qabel jew fl-istess ħin tal-konsenja.

14.3 Fil-każ imsemmi fir-regolament 14.2, il-partikolaritajiet imsemmija fil-regolament 5.1 (a), (d) u (f) u, meta xieraq u meħtieġ, dak imsemmi fil-paragrafi 11.1 sa 11.3, għandu jidher ukoll fuq l-ippakkjar ta' barra li jintuża meta l-oġġetti ta' l-ikel huma ppreżentati għall-bejgħ.

14.4 Il-partikolaritajiet imsemmija fir-regolamenti 5.1 u 6.2 għandhom ikunu faċli biex tifhimhom u mmarkati f' post prominenti b'mod li jidhru faċilment, jinqraw tajjeb u ma jitħassrux. Ma għandhomx ikunu moħbija, mgħottija jew interrotti minn materjal miktub jew impinġi ieħor.

14.5 Il-partikolaritajiet imniżżlin fir-regolament 5.1 (a), (d) u (i) għandhom jidhru fl-istess linji tal-vista.

14.6 Fil-każ ta' fliexken tal-ħġieġ maħsubin biex jerġgħu jintużaw u li huma mmarkati b'mod li ma jitħassarx u għalhekk ma għandhom ebda tikketta,ċirku jew kullar u ppakkjar jew kontenituri li l-akbar wiċċ tagħhom għandu superfiċje inqas minn 10cm^2 jistgħu jingħataw biss il-partikolaritajiet imniżżlin f' paragrafu 5.1 (a) u (d). F' dan il-każ, ir-regolament 14.5 ma għandux japplika.

14.7 Meta xarba li hi maħsuba biex tkun ikkunsmata mingħajr ebda modifika, jew wara r-rikostituzzjoni tal-prodott konċentrat jew imnixxef, ikun fiha l-kafeina, tkun xi tkun is-sors tagħha, fi proporzjon li taqbeż il-150 mg/l, il-messaġġ li ġej għandu jidher fuq it-tikketta fl-istess spettru tal-vista ta' l-isem li bih jinbiegħ il-prodott:"Kontenut għoli ta' kafeina" . Dan il-messaġġ għandu jkun segwit, f' parentesi u skond ir-regolament 14.4, mill-kontenut ta' kafeina espress f' mg/100 ml, iżda,

14.7.1 Dan ir-regolament ma għandux japplika għal xarbiet ibbażati fuq kafè, te jew estratt tal-kafè jew tat-te meta l-isem li bih il-prodott jinbiegħ jinkludi t-terminu "kafè" jew "te" .

iżda,

prodotti li ma jikkonformawx ma' dan ir-regolament u li twaħħlitilhom it-tikketta qabel l-1 ta' Lulju, 2004 jistgħu jinbiegħu sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

Omissjoni ta' ċerti partikolarijiet.

15.1 Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw bla ħsara għar-rekwiżiti tas-subregolament 8.10.

15.2 L-ikel li ġej m'hemmx għalfejn ikun immarkat jew titwaħħallu tikketta b'xi waħda mill-partikolaritajiet speċifikati fir-regolament 5.1 minbarra l-isem ta' l-ikel:

(a) ikel li:

(i) mhux ippakkjat minn qabel, jew

(ii) ippakkjat minn qabel biex jinbiegħ direttament (mill-idejn)

minbarra x-xorta ta' ikel li japplikaw għalih ir-regolamenti 15.13, 15.14 jew 15.15;

(b) kull ħelu magħmul mid-dqiq li hu ppakkjat biss f' kaxxa li tintena jew f' ippakkjar trasparenti għalkollox li jew ma jkunx immarkat jew immarkat biss b'indikazzjoni tal-prezz ta' l-ikel u xi indikazzjoni tal-marka tal-lott mogħtija skond ir-regolament 16.1, jekk ma jkunx hemm imwaħħal mal-ħelu magħmul mid-dqiq jew ma' l-ippakkjar tiegħu xi dokument, avviż,ċirku jew kullar (minbarra tikketta jew tikketti li fuqhom ikunu mmarkati biss il-prezz ta' l-ikel u xi indikazzjonijiet tal-marka ta' xi lott); u

(ċ) prodotti ta' ħlewwiet taz-zokkor jewċikkulata miżrumin individwalment, inklużi ħelu mgħolli uċikkulata li jiżnu inqas minn 50g kull oġġett, li' humiex magħluqin f' ippakkjar ulterjuri meta jinbiegħu lill-konsumatur aħħari u li huma maħsuba għall-bejgħ bħala oġġetti singoli jew bil-għadd.

15.3 Ikel li ma għaddiex minn proċess ta' radjazzjoni u:

(a) li ma jkunx maħsub għall-bejgħ, jew

(b) ħobż abjad jew ħelu magħmul mid-dqiq, jew

(ċ) karkassi u bċejjeċ ta' karkassi li m'humiex maħsubin biex jinbiegħu biċċa waħda,

ma hemmx għalfejn ikunu mmarkati jew titwaħħlilhom tikketta b'xi waħda mill-partikolaritajiet speċifikati fir-regolament 5.1.

15.4 Kull ikel li –

(a) bis-saħħa tar-regolamenti 15.2 jew 15.3 waħedhom ma huwiex immarkat jew ma għandux tikketta b'lista ta' ingredjenti, u

(b) fih xi addittiv li–

(i) kieku ma kienx għar-regolamenti 15.2 jew 15.3, kien ikun meħtieġ li jissemma fil-lista ta' ingredjenti ta' l-ikel, u

(ii) kien miżjud ma' jew użat fl-ikel jew f' ingredjent ta' l-ikel biex jaqdi l-funzjoni ta' antiossidant, kulur, ħwawar, tejjieb il-ħwawar, preservattiv jew dolċifikant,

għandu jkun immarkat jew titwaħħallu tikketta b'indikazzjoni ta' kull kategorija ta' addittivi ta' din ix-xorta li tkun fl-ikel.

15.5 Kull silġ li jittiekel jew ħelu magħmul mid-dqiq li, kieku ma kienx għal dan ir-regolament, ikun meħtieġ li jiġi mmarkat jew titwaħħallu tikketta skond ir-regolament 15.4 ma hemmx għalfejn ikun immarkat jew titwaħħallu tikketta jekk ħdejn is-silġ li jittiekel jew ħelu magħmul mid-dqiq ikun hemm jidher f' pożizzjoni prominenti avviż li jgħid, bla ħsara għar-regolament 15.6, li silġ li jittiekel jew ħelu magħmul mid-dqiq, skond il-każ, mibjugħ mill-istabbiliment fejn ikun hemm l-avviż jista' jkollu kategoriji ta' addittivi ta' din ix-xorta.

15.6 Meta, fiċ-ċirkustanzi deskritti fir-regolamenti 15.4 jew 15.5, addittiv jaqdi aktar minn funzjoni waħda minn dawk speċifikati fir-regolament 15.4 msemmi, ikun biss meħtieġ li wieħed jindika dik il-kategorija li tirrappreżenta l-funzjoni ewlenija moqdija mill-addittiv fl-ikel jew ingredjent li miegħu kien miżjud jew li ntuża fih.

15.7 Ir-regolamenti 15.4, 15.5 u 15.6 ma japplikawx għal ikel mhux maħsub biex jinbiegħ.

15.8 Bla ħsara għar-regolament 15.9, kull ikel li–

(a) bis-saħħa tar-regolamenti 15.4, 15.5, 15.6 jew 15.7 biss hu eżentat mill-ħtieġa li jkun immarkat jew li titwaħħallu tikketta b'lista ta' ingredjenti, u

(b) fih xi ingredjent li għadda minn proċess ta' radjazzjoni (u li jinkludi xi partikolar li minħabba fih, kieku dak l-ikel ma kienx soġġett għal dik l-eżenzjoni, l-ikel kien ikun jeħtieġlu jkun immarkat jew titwaħħallu tikketta skond dawn ir-regolamenti),

għandu jkun immarkat jew titwaħħallu tikketta b'indikazzjoni li fih dak l-ingredjent, u f' każ bħal dan ir-referenza f' dik l-indikazzjoni għal dak l-ingredjent għandha tinkludi jew ikollha magħha l-kliem"proċessat bir-radjazzjoni" jew"ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti" .

15.9 Ir-regolament 15.8 ma japplikax għal ikel li m'hux maħsub biex jinbiegħ.

15.10 Bla ħsara għar-regolamenti 15.11 jew 15.12, kull ikel ippakkjat minn qabel, kemm jekk ikun fi flixkun tal-ħġieġ immarkat b'mod li ma jitħassarx u maħsub biex jerġa' jintuża u li ma jkollu ebda tikketta,ċirku jew kullar, jew jekk l-akbar wiċċ ta' l-ippakkjar tiegħu jieħu spazju ta' inqas minn għaxarċentimetri kwadri, ma hemmx għalfejn ikun immarkat jew titwaħħallu tikketta, bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, b'xi wieħed mill-partikolaritajiet speċifikati fir-regolament 5.1 ħlief l-isem ta' l-ikel u, sakemm l-ikel ma jkunx meħtieġ li jkun immarkat jew titwaħħallu tikketta b'indikazzjoni ta' din ix-xorta, indikazzjoni tad-durabilità xierqa.

15.11 Bla ħsara għar-regolament 15.12, kull ikel ippakkjat minn qabel li–

(a) jinbiegħ jew ikun fornut bħala porzjon għalih, u

(b) hu maħsub bħala kontorn minuri ta' jew –

(i) ikel ieħor, jew

(ii) servizz ieħor,

ma hemmx għalfejn ikun immarkat jew titwaħħallu tikketta b'xi partikolaritajiet minn dawk speċifikati fir-regolament 5.1 ħlief għall-isem ta' l-ikel. Ikel ta' din ix-xorta ppakkjat minn qabel għandu jinkludi butir u oġġetti oħra tax-xaħam li jindilku, ħalib, krema u ġobon, ġammijiet u marmellati, mustardi, zlazi, te, kafè u zokkor, u servizzi oħra ta' din ix-xorta għadhom jinkludu l-provvediment ta' akkomodazzjoni f' lukanda jew fi stabbiliment ieħor li fih tkun ipprovduta akkomodazzjoni b'mod ta' kummerċ jew negozju.

15.12 Ir-regolamenti 15.10 u 15.11 ma japplikawx għal xi ikel li għalih japplikaw ir- regolamenti 15.2, 15.3, 15.13, 15.14 jew 15.15.

15.13 Bla ħsara għar-regolamenti 15.14 u 15.15, kull ikel li jinbiegħ fi stabbiliment li jservi l-ikel li jew –

(a) mhux ippakkjat minn qabel, jew

(b) ippakkjat minn qabel biex jinbiegħ direttament (mill-idejn),

ma hemmx għalfejn ikun immarkat jew titwaħħallu tikketta b'xi waħda mill-partikolaritajiet speċifikati fir-regolament 5.1.

15.14 Fil-każ ta' ikel ta' din ix-xorta li għadda minn proċess ta' radjazzjoni dak l-ikel għandu jkun immarkat jew titwaħħallu tikketta li tindika trattament ta' din ix-xorta, u din l-indikazzjoni għandha tinkludi jew irid ikollha magħha l-kliem "proċessat bir-radjazzjoni" jew "ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti" .

15.15 Fil-każ ta' xi ikel ta' din ix-xorta li fih xi ingredjent li għadda mill-proċess ta' radjazzjoni, dak l-ikel għandu jkun immarkat jew titwaħħallu tikketta b'indikazzjoni li fih dak l-ingredjent u referenza f' dik l-indikazzjoni ta' dak l-ingredjent għandha tinkludi jew ikollha magħha l-kliem "proċessat bir-radjazzjoni" jew "ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti".

15.16 L-ippakkjar ta' barra ta' pakk li fih selezzjoni stagonali m'hemmx għalfejn ikun immarkat jew titwaħħallu tikketta b'xi waħda mill-partikolaritajiet speċifikati b'dawn ir-regolamenti, sakemm kull oġġett fil-pakk ikun ippakkjat minn qabel wieħed wieħed u jkun immarkat jew titwaħħallu tikketta skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi regolamenti oħra li japplikaw għal oġġetti ta' din ix-xorta.

Indikazzjoni li turi lott.

16.1 Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 16.6, ebda persuna ma tista' tbigħ jew toffri għall-bejgħ xi ikel li jifforma parti minn lott jekk dan ma jkollux miegħu indikazzjoni li hu lott.

16.2 Il-lott li l-ikel fl-unità għall-bejgħ jifforma parti minnu għandu jkun determinat mill-produttur, il-manifattur, min jippakkja jew l-ewwel bejjiegħ f' Malta ta' dak l-ikel.

16.3 Indikazzjoni li turi lott għandha tkun stabbilita u mwaħħla u r-responsabbiltà għal dan taqa' fuq wieħed mill-operaturi speċifikati fir-regolament 16.2.

16.4 L-indikazzjoni li turi lott għandha tiġi quddiem l-ittra ‘ L’ , ħlief meta l-indikazzjoni tkun distinta ċar minn indikazzjonijiet oħra fuq l-ippakkjar ta’ l-ikel jew fuq it-tikketta mwaħħla.

16.5 Fil-każ ta’ ikel ippakkjat minn qabel, l-indikazzjoni li turi lott għandha tidher fuq l-ippakkjar ta’ l-ikel jew fuq tikketta mwaħħla miegħu. Fil-każ ta’ ikel mhux ippakkjat minn qabel, l-indikazzjoni għandha tidher fuq il-kontenitur ta’ l-ikel jew fuq dokument kummerċjali li jkun ma’ l-ikel. L-indikazzjoni trid tkun tidher faċilment, tinqara tajjeb u ma jitħassarx.

16.6 L-oġġetti ta’ ikel li ġejjin m’hemmx għalfejn ikunu mmarkati bl-indikazzjoni li turi lott:

(a) prodotti agrikoli li, meta jinħarġu minn fejn ġew prodotti, ikunu

(i) mibjugħin jew ikkonsenjati fi stazzjon għal ħżin temporanju, preparazzjoni jew ippakkjar jew lil organizzazzjoni ta’ produtturi, jew

(ii) miġburin għal integrazzjoni immedjata fi preparazzjoni operattiva jew f’ sistema ta’ ipproċessar;

(b) ikel maħsub biex jinbiegħ lill-konsumatur aħħari u li ma jkunx ippakkjat minn qabel, ikun ippakkjat wara talba mix-xerrej jew ikun ippakkjat minn qabel biex jinbiegħ mill-ewwel;

(ċ) ikel f’ kontenitur li s-superfiċje ta’ l-akbar wiċċ tiegħu hija inqas minn 10 ċentimetri kwadri;

(d) ikel ippakkjat minn qabel li jinbiegħ f’ porzjonijiet wieħed wieħed biex jittiekel mill-ewwel u li hu maħsub bħala kontorn minuri għal ma’ ikel jew servizz ieħor;

(e) porzjonijiet wieħed wieħed ta’ silġ li jista’ jittiekel fornuti lill-bejjiegħ f’ ippakkjar bl-ingrossa li jkun fih aktar minn porzjon wieħed ta’ din ix-xorta, basta l-ippakkjar bl-ingrossa għandu jkollu fuqu l-indikazzjoni li turi lott;

(f) ikel li jkun immarkat jew li għandu tikketta li turi d-durabilità minima jew id-data “uża sa” meta din tkun tikkonsisti almenu minn indikazzjoni mingħajr ebda *code* tad-data u x-xahar f’ din l-ordni, kemm jekk dan hu meħtieġ minn dawn ir-regolamenti kemm jekk le

Indikazzjoni ta' partikolaritajiet oħra.

17.1 It-tikketti ma' oġġetti li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji mniżżlin fis-Sitt Skeda għandu jkollhom il-partikolaritajiet addizzjonali kif imniżżel f' dik l-Iskeda.

Ilsna li jistgħu jintużaw.

18.1 Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 18.2,18.3 u 18.6, il-partikolaritajiet mogħtija skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti għandhom jidhru almenu f' waħda minn dawn l-ilsna: Malti, Ingliż, Taljan.

18.2 Ir-regolament 18.1 m'għandux japplika fil-każ tal-prodotti li ġejjin:

(a) ikel irreġistrat skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill 2081/92 dwar il-ħarsien ta' indikazzjonijiet ta' oriġini u ġeografiċi għal prodotti u oġġetti ta' l-ikel agrikoli;

(b) ikel irreġistrat skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill 2082/92 dwar ċertifikati ta' karattru speċifiku fil-każ ta' prodotti u oġġetti ta' l-ikel agrikoli;

(ċ) ikel li fil-każ tiegħu hemm dispożizzjonijiet oħra dwar ilsna speċifiċi li jistgħu jintużaw.

18.3 Il-Kummissjoni għas-Sigurtà ta' l-Ikel tista' , fuq il-parir ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, teżenta kategoriji speċifiċi ta' oġġetti ta' l-ikel mir-rekwiżit dwar ilsna preskritti mir-regolament 18.1, b'dan iżda li eżenzjonijiet ta' dik ix-xorta jistgħu jingħataw biss lil kategoriji ta' oġġetti ta' l-ikel u mhux lil prodotti wieħed wieħed.

18.4 Kull eżenzjoni maħruġa bis-saħħa tar-regolament 18.3 għandha tiżgura li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati b'mod adegwat.

18.5 Eżenzjonijiet maħruġin bis-saħħa tal-paragrafu 18.3 jistgħu jippermettu l-użu ta' ilsna oħra minbarra dawk preskritti mill-paragrafu 18.1 u wkoll l-użu ta' miżuri oħra fir-rigward ta' wieħed jew aktar mill-partikolaritajiet li jidhru fuq it-tikketta.

18.6 Il-Kummissjoni għas-Sigurtà ta' l-Ikel tista' , fuq il-parir ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, titlob li t-twaħħil ta' tikketti fuq kategoriji speċifiċi ta' oġġetti ta' l-ikel jew il-provvista ta' informazzjoni speċifikata għandhom jingħataw f' mill-inqas waħda mill-ilsna uffiċjali ta' Malta, b'dan iżda li

(a) dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw għall-prodotti kollha li jaqgħu fl-ambitu ta' l-iskop tagħhom u mhux għal prodotti individwali;

(b) dawn ir-rekwiżiti huma ġustifikati mill-ħtieġa li titħares is-saħħa umana.

18.7 Ebda ħaġa f' dawn ir-regolamenti m'għandha tkun interpretata bħala li żżomm milli l-partikolaritajiet li jidhru fuq it-tikketta jkunu indikati b'ilsna oħra barra minn dawk preskritti mir-regolamenti 18.1 u 18.5.

Pretensjonijiet li għandhom x' jaqsmu ma' Ikel għal użijiet nutrittivi partikolari.

19.1 Ix-xorta jew il-kompożizzjoni ta' prodotti li jkunu deskritti bħala maħsubin għal użijiet nutrittivi partikolari għandhom ikunu b'mod li l-prodotti jkunu adattati għall-użu nutrittiv partikolari li huma maħsubin għalih.

19.2 Il-prodotti msemmija fir-regolament 19.1 għandhom ukoll jikkonformaw ma' kull dispożizzjoni mandatarja applikabbli għal oġġetti ta' l-ikel għal konsum normali, minbarra fir-rigward ta' bidliet li jsirulhom biex jiżguraw li jikkonformaw mad-definizzjonijiet mogħtija fir-regolament 3.1(v).

19.3 Id-disposizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal gruppi ta' ikel għal użijiet nutrittivi partikolari li jidhru fil-Parti A tar-Raba' Skeda għandhom ikunu dawk speċifikati bis-saħħa tar-regolamenti speċifiċi mogħtijin f' dik l-Iskeda.

19.4 Bla ħsara għal kull deroga mogħtija minn disposizzjonijiet oħra, it-twaħħil ta' tikketti u l-metodi kif dawn jitwaħħlu, il-preżentazzjoni u r-riklamar tal-prodotti msemmijin fir-regolament 3.1(v) ma għandhomx jattribwixxu lil prodotti ta' din ix-xorta proprjetajiet għall-prevenzjoni, trattament jew kura ta' mard uman jew jimplikaw li għandhom proprjetajiet ta' din ix-xorta.

19.5 Ebda ħaġa fir-regolament 19.4 m'għandha tkun interpretata bħala li żżomm it-tixrid ta' informazzjoni jew rakkomandazzjonijiet utli maħsubin esklusivament għal persuni kwalifikati fil-mediċina, nutriment jew farmaċija.

19.6 Il-prodotti biss imsemmijin fir-regolament 3.1 (v) jistgħu jkunu karatterizzati bħala 'dietetiċi' jew 'tad-dieta'.

19.7 Fit-tikketti, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel għal konsum normali dawn li ġejjin għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-użu ta' l-aġġettivi 'dietetiċi' jew 'tad-dieta' kemm jekk waħedhom kemm jekk ma' kliem ieħor, biex jiddeskrivu dawn l-oġġetti ta' l-ikel;

(b) kull marka oħra jew kull preżentazzjoni li tista' tagħti l-impressjoni li wieħed mill-prodotti msemmijin fir-regolament 3.1(v) hu involut.

19.8 Iżda, f' konformità ma' disposizzjonijiet oħra li jistgħu jkunu adottati, għandu jkun possibbli li oġġetti ta' l-ikel għal konsum normali li huma adattati għal użu nutrittiv partikolari jkollhom indikazzjoni ta' din l-addattabilità. Id-disposizzjoni li għadha kif issemmiet tista' tispeċifika wkoll l-arranġamenti li jindikaw din l-addattabilità,

iżda,

19.8.1 meta ebda dispożizzjonijiet Komunitarji ma ġew adottati għall-finijiet ta' dawn is-subregolamenti, disposizzjonijiet addattati jistgħu jittieħdu mill-Kummissjoni għas-Sigurtà ta' l-Ikel.

19.9 Id-deskrizzjoni tal-prodott kif jinbiegħ għandu jkollha magħha indikazzjoni tal-karatteristiċi nutrittivi partikolari; iżda, fil-każ ta' prodotti maħsubin biex jissodisfaw il-ħtiġiet nutrittivi partikolari ta' trabi u tfal żgħar f' saħħithom, flok din ir-referenza għandu jkun hemm referenza oħra għall-iskop li għalih huma maħsubin.

19.10 It-tikketti ta' prodotti li ma ġiet adottata ebda dispożizzjoni speċifika għalihom għandhom iġibu fuqhom ukoll:

(a) l-elementi partikolari tal-kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva jew tal-proċess ta' manifattura speċjali li jagħti lill-prodott il-karatteristiċi nutrittivi partikolari tiegħu;

(b) il-valur ta' enerġija disponibbli espress f'*kilojoules* u kilokaloriji u l-ammont ta' karboidrati, proteini u xaħam kull 100 gramma jew kull 100 millilitru tal-prodott kif mibjugħ u, fejn hu xieraq u meħtieġ, kull kwantità speċifikata tal-prodott kif ippreżentat għall-konsum,

iżda,

– jekk, madankollu, il-valur ta' enerġija hu inqas minn 50 *kilojoule* (12-il kilokalorija) kull 100 gramma jew 100 millilitru tal-prodott kif mibjugħ, flok dawn il-partikolaritajiet jistgħu jintużaw il-kliem"valur ta' enerġija inqas minn 50 *kilojoule* (12-il kilokalorija) kull 100 gramma" jew bil-kliem "valur ta' enerġija inqas minn 50 *kilojoule* (12-il kilokalorija) kull 100 millilitru" .

19.11 It-tikketti ta' prodotti li kienu adottati għalihom dispożizzjonijiet speċifiċi għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet imniżżlin f' dawk id-disposizzjonijiet.

19.12 Prodotti maħsubin għal użijiet nutrittivi partikolari għandhom jitħallew jitqiegħdu fis-suq bl-imnut meta jkunu ppakkjati minn qabel biss, u l-ippakkjar għandu jgħatti l-prodott kollu kemm hu.

19.13 Biex ikun jista' jsir kontroll uffiċjali effiċjenti ta' oġġetti ta' l-ikel maħsubin għal użu nutrittiv partikolari li ma jidhrux f' wieħed mill-gruppi mniżżlin fir-Raba' Skeda, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) Meta prodott tax-xorta deskritta hawn fuq jitqiegħed fis-suq l-ewwel darba, il-manifattur jew l-importatur għandu jgħarraf lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika billi jgħaddilu mudell tat-tikketta użata għall-prodott.

(b) Fil-każ ta' prodotti li diġà tqiegħdu fis-suq fil-Komunità Ewropea, il-manifattur jew importatur għandu, mal-mudell meħtieġ mir-regolament 19.13 (a), jgħaddi lis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika indikazzjoni tar-riċevitur ta' l-ewwel notifikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-Komunità Ewropea.

19.14 Meta hu meħtieġ, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jitlob lill-manifattur jew lill-importatur jipproduċi x-xogħol xjentifiku u l-informazzjoni li jistabbilixxu l-konformità tal-prodott mal-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti fir-rigward ta' oġġetti ta' l-ikel għal użijiet nutrittivi partikolari kif definiti fil-paragrafu 3.1(v) flimkien ma' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 19.10(a). Jekk dan ix-xogħol qiegħed f' pubblikazzjoni li tista' tkun akkwistata malajr, referenza sempliċi għal din il-pubblikazzjoni tkun biżżejjed.

19.15 Is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jipprojbixxi, jirrestrinġi jew jassoġġetta għal kondizzjonijiet speċifiċi l-bejgħ ta' prodotti maħsubin għal użijiet nutrittivi partikolari jekk hu jqis li dawn il-prodotti ma jikkonformawx mar-regolament 3.1(v) jew jipperikolaw is-saħħa umana, b'dan iżda li kull projbizzjoni jew restrizzjoni ta' din ix-xorta għandha tkun innotifikata lill-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* mill-inqas tliet xhur qabel ma tinġieb fis-seħħ, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 19.18.

19.16 L-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* għandha, fi żmien tliet xhur, tagħti opinjoni dwar il-miżuri proposti.

19.17 Meta joħroġ xi projbizzjoni jew restrizzjoni bis-saħħa tar-regolament 19.15, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandu jqis l-opinjoni ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*.

19.18 Meta s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jqis li l-impożizzjoni ta' projbizzjoni jew restrizzjoni hija ħtieġa urġenti għall-

ħarsien tas-saħħa pubblika, hu jista' jimponi din il-projbizzjoni jew restrizzjoni b'effett immedjat sakemm l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* tkun innotifikata immedjatament b'dawn il-miżuri. L-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* għandha, fi żmien tliet xhur, tagħti opinjoni dwar il-miżuri proposti.

Sustanzi li jistgħu jiżdiedu ma' ikel għal użijiet nutrittivi partikolari.

19.19 Fil-każ tal-kategoriji ta' sustanzi miżjudin għal skopijiet nutrittivi speċifiċi f'ikel għal użijiet nutrittivi partikolari mniżżlin fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, dawk is-sustanzi kimiċi msemmija taħt kull kategorija biss jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għal użijiet nutrittivi partikolari koperti minn dan ir-regolament.

19.20 L-użu tas-sustanzi msemmija fir-regolament 19.19 għandu jkun konformi ma' kull disposizzjoni speċifika li tirrigwarda dawk is-sustanzi li jistgħu jkunu mitlubin f' disposizzjonijiet speċifiċi applikabbli.

19.21 Bla ħsara għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Numru 258/97 ([1]) jew miżuri ekwivalenti, sustanzi oħra miżjudin għal skopijiet nutrittivi speċifiċi, li ma jiffurmawx parti minn xi waħda mill-kategoriji mniżżlin fis-Seba' Skeda, jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' ikel għal użijiet nutrittivi partikolari.

19.22 L-użu ta' sustanzi nutrittivi f' ikel għal użijiet nutrittivi partikolari għandu jwassal għall-manifattura ta' prodotti żguri li jissodisfaw ir-rekwiżiti nutrittivi partikolari tal-persuni li għalihom huma maħsubin kif stabbilit minn informazzjoni xjentifika aċċettabbli b'mod ġenerali.

19.23 Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jitlob lill-manifattur jew, fejn xieraq u meħtieġ, lill-importatur jipproduċu x-xogħol xjentifiku u l-informazzjoni li jistabbilixxu l-użu ta' sustanzi miżjudin għal skopijiet nutrittivi partikolari f' konformità mar-regolament 19.22. Jekk dan ix-xogħol qiegħed f' pubblikazzjoni li tista' tkun akkwistata malajr, referenza sempliċi għal din il-pubblikazzjoni tkun biżżejjed.

19.24 Għandu japplika kull kriterju ta' purità għal sustanzi mniżżlin fis-Seba' Skeda, speċifikati b'leġislazzjoni għall-użu tagħhom fil-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għal skopijiet barra minn dawk koperti b'dan ir-regolament.

19.25 Fil-każ ta' dawk is-sustanzi mniżżlin fis-Seba' Skeda li għalihom kriterji ta' purità ma humiex speċifikati mill-leġislazzjoni Maltija jew Ewropea, u sakemm speċifikazzjonijiet ta' din ix-xorta jkunu adottati, għandhom japplikaw kriterji ta' purità aċċettabbli b'mod ġenerali u rrikkmandati minn korpi internazzjonali.

Tħassir ta' l-A.L. 5 ta' l-2002.

20.1 Ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, huma b'dan imħassrin u kull referenza għal dawk ir-regolamenti għandha titqies bħala referenza għal dawn ir-regolamenti.

L-EWWEL SKEDA

Kategoriji ta' Ingredjenti li jistghu jkunu deskritti bl-Isem tal- Kategorija aktar milli bl-Isem Spe cifiku

Definizzjoni	*Deskrizzjoni*
Zejt raffinat minbarra zejt taz-zebbuga	'Zejt', flimkien ma' - jew l-aggettiv 'vegetali' jew 'ta' l-annimali', skond il-kaz, jew - indikazzjoni ta' l-origini vegetali jew mill-annimali specifika taghhom L-aggettiv 'idrogenat' ghandu jidher ma' l-indikazzjoni ta' xi zejt idrogenat.
Xahmijiet raffinati	'Xaham', flimkien ma' - jew l-aggettiv 'vegetali' jew 'ta' l-annimali', skond il-kaz, jew - indikazzjoni ta' l-origini vegetali jew mill-annimali specifika taghhom L-aggettiv 'idrogenat' ghandu jidher ma' l-indikazzjoni ta' xi xaham idrogenat.
Tahlitiet ta' dqiq mehud minn zewg speci jew aktar ta' cereali	'Dqiq', u warajha lista tac-cereali li minnu ttiehed, f'ordni minn fuq ghal isfel skond il-piz.
Lamtijiet, u lamtijiet modifikati b'mezzi fizici jew b'enzimi	'Lamtu'
Kull speci ta' hut meta l-hut jikkostitwixxi ingredjent ta' oggett ta' l-ikel iehor u sakemm l-isem u l-prezentazzjoni ta' dan l-oggett ta' l-ikel ma jirreferux ghal speci specifikata ta' hut	'Hut'
Kull xorta ta' gobon meta l-gobon jew tahlita ta' xorta ta' gobon tikkostitwixxi ingredjent ta' oggett ta' l-ikel iehor u sakemm l-isem u l-prezentazzjoni ta' dan l-oggett ta' l-ikel ma jirreferux ghal tip specifikat ta' gobon	'Gobon'
Kull xorta ta' hwawar li ma jaqbzux it-2 % ta' l-oggett ta' l-ikel imkejjel bil-piz	'Hwawar jew hwawar imhalltin'
Kull xorta ta' hxejjex aromatici jew partijiet ta' hxejjex aromatici li ma jaqbzux it-2 % ta' l-oggett ta' l-ikel imkejjel bil-piz	'Haxix jew Hxejjex aromatici' jew 'hxejjex aromatici mhalltin'
Kull tip ta' preparamenti tal-gomma uzati fil-manifattura ta' bazi tal-gomma ghac-*chewing gum*	'Bazi tal-gomma'
Kull tip ta' prodott tac-cereali mohmi u mrembel fil-frak	'Frak tac-cereali' jew '*rusks*' skond il-kaz
Kull tip ta' sakkarosju	'Zokkor'

<table>
<tr><td>Destrosju anidruz jew monoidrat tad-destrosju</td><td>‘Destrosju’</td></tr>
<tr><td>Gulepp tal-glukosju u gulepp tal-glukosju anidruz</td><td>Gulepp tal-glukosju</td></tr>
<tr><td>Kull tip ta’ proteini tal-halib (kaseini, kaseinati u proteini tax-xorrox) u tahlitiet taghhom</td><td>proteini tal-halib</td></tr>
<tr><td>Xaham tac-cikkulata, ippressat, expeller jew raffinat</td><td>“Xaham tac-cikkulata”</td></tr>
<tr><td>Kull tip ta’ nbid kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1493/1999 tas-17 ta’ Mejju 1999 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta’ l-inbid ([1])</td><td>“Nbid”</td></tr>
<tr><td>Muskoli skeletali [2] ta’ speci mammali u ta’ ghasafar rikonoxxuti tajbin ghall-konsum uman li jkun fihom tessuti b’mod naturali jew aderenti, meta l-kontenut totali ta’ xaham u tessuti konnettivi ma jaqbizx il-valuri indikati hawn taht u meta l-laham jikkostitwixxi ingredjent ta’ oggett ta’ l-ikel iehor. Il-prodotti koperti mid-dfinizzjoni tal-Komunità Ewropea ta’ “laham irkuprat mekkanikament” huma eskluzi minn din id-definizzjoni.

Kontenuti xahmin u konnettivi massimi fil-kaz ta’ ingredjenti deskritti bit-terminu “….. laham”.

<table>
<tr><th>Speci</th><th>Xaham (%)</th><th>Tessut konnettiv [3] (%)</th></tr>
<tr><td>Mammali (minbarra fniek u hniezer) u tahlitiet ta’ speci li fihom jippredominaw il-mammali</td><td>25</td><td>25</td></tr>
<tr><td>Hniezer</td><td>30</td><td>25</td></tr>
<tr><td>Ghasafar u fniek</td><td>15</td><td>10</td></tr>
</table>
Jekk dawn il-limiti massimi jinqabzu, izda l-kriterji l-ohra kollha ghad-definizzjoni ta’ “laham” huma sodisfatti, il-kontenut ta’ “….laham” ghandu jkun aggustat debitament ’l isfel u l-lista ta’ ingredjenti ghandha ssemmi, minbarra t-terminu “….laham”, il-prezenza ta’ xaham u/jew tessut konnettiv.</td><td>“….laham” u l-isem/ismijiet [4] ta’ l-ispeci ta’ annimali minn fejn gej.”.</td></tr>
</table>

[2] OJ L 179, 14.7.1999, p.1.

[3] Id-dijaframma u z-zewg muskoli kbar fl-angolu tax-xedaq ta’ taht huma parti mill-muskoli skeletali, filwaqt li l-qalb, l-ilsien, il-muskoli tar-ras (minbarra z-zewg muskoli kbar fl-angolu tax-xedaq ta’ taht), il-muskoli tal-karpu, it-tarsu u d-denb huma eskluzi.

[4] Il-kontenut ta’ tessut konnettiv hu kkalkulat fuq il-bazi tal-proporzjon bejn il-kontenut ta’ kollagen u l-kontenut ta’ proteina tal-laham. Il-kontenut ta’ kollagen ifisser il-kontenut ta’ idrossiprolina multiplikat b’fattur ta’ 8.

[5] Fil-kaz ta’ tikketti bl-Ingliz, din id-deskrizzjoni jista’ jehdilha postha l-isem generiku ta’ l-ingredjent ghall-ispeci ta’ animal involuta.

IT-TIENI SKEDA

Kategoriji ta' Ingredjenti li ghandhom ikunu Deskritti bl-Isem tal- Kategorija taghhom u wara jinghata l-Isem Specifiku jew in-Numru KE taghhom

Kulur
Preservattiv
Antiossidant
Emulsifikant
Webbies
Agent li Jghaqqad (*Gelling Agent*)
Stabilizzatur
Tejjieb il-hwawar
Acidu
Regolatur ta' l-Acidità
Agent kontra t-Taghqid
Lamtu modifikat([5])
Dolcifikant
Agent ghat-Titligh
Agent kontra r-raghwa
Agent ghall-kisi preservattiv
Mlieh emulsifikanti([6])
Agent ghat-trattament tad-dqiq
Agent li jissoda (*Firming Agent*)
Agent li jzomm oggett umdu
Agent li jzid il-volum (*Bulking Agent*)
Gass li jimbotta 'l barra

[6] L-isem specifiku jew in-numru KE m'hemmx ghalfejn ikunu indikati.
[7] Jghodd biss ghal gobon ipprocessat u prodotti bbazati fuq gobon ipprocessat.

IT-TIELET SKEDA

PARTI A

Deskrizzjoni ta' Hwawar fil-Lista ta' Ingredienti

1. Hwawar ghandhom ikunu deskritti jew bil-kelma "hwawar" jew b'isem jew deskrizzjoni izjed specifici tal-hwawar.

2. Il-kelma "naturali" jew kull kelma ohra li sostanzjalment ghandha l-istess tifsira tista' tintuza biss fil-kaz ta' hwawar li fihom il-komponent ta' hwawar fih sustanzi esklussivament li jhawwru kif definit f'Artiklu 1(2)(b)(i) tad-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE tat-22 ta' Gunju 1988 fuq l-approssimazzjoni tal-ligijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' hwawar ghall-uzu f'oggetti ta' l-ikel u ta' materjali naturali ghall-produzzjoni taghhom([1]) u/jew thejjijiet ta' hwawar kif definiti f'Artiklu 1(2)(c) tad-Direttiva msemmija.

3. Jekk l-isem tal-hwawar ikun fih referenza ghan-natura jew origini vegetali jew mill-annimali tas-sustanzi inkorporati fihom, il-kelma "naturali" jew kull kelma ohra li sostanzjalment ghandha l-istess tifsira ma tistax tintuza sakemm il-komponent tal-hwawar ma jkunx gie izolat ghalih wahdu jew kwazi ghalih wahdu mill-oggett ta' l-ikel jew mis-sors ta' hwawar involuti bi processi fizici addattati, jew processi enzimatici jew mikrobijologici jew processi tradizzjonali ta' thejjija ta' ikel.

PARTI B

Ingredjenti referiti ghal regolament 8

- Cereali li fihom il-glutina (i.e. qamh, segala, barli, hafur, *spelt*, *kamut* jew razez ibridizzati taghhom) u prodotti li gejjin minnhom
- Krustaceji u prodotti li gejjin minnhom
- Bajd u prodotti li gejjin minnu
- Hut u prodotti li gejjin minnu
- Karawett u prodotti li gejjin minnu
- Sojja u prodotti li gejjin minnhom
- Halib u prodotti li gejjin minnu
- Gewz, i.e. Lewz (*Amygdalus communis L.*), Gellewz (*Corylus avellana*), Gewz (*Juglans regia*), Anankardju (*Anacardium occidentale*), *Pecan nut* (*Carya illinoiesis (Wangenh.) K. Koch*), Gewz tal-Brazil (*Bertholletia excelsa*), Pistacca (*Pistacia vera*), Gewz Macadamia u Gewz ta' Queensland (*Macadamia ternifolia*) u prodotti li gejjin minnhom
- Krafes u prodotti li gejjin minnhom
- Mustarda u prodotti li gejjin minnha
- Zrieragh tal-gulglien u prodotti li gejjin minnhom
- Diossidu tal-kubrit and sulfiti f'koncentrazzjonijiet ta' aktar minn 10 mg/kg jew 10 mg/litre espressi bhala SO_2.

[8] OJ L 184, 15.7.1988, p. 61. Direttiva kif emendata minn Direttiva tal-Kumissjoni 91/71/KEE (OJ L 42, 15.2.1991, p. 25).

IR-RABA' SKEDA

Kategoriji ta' Oggetti ta' l-Ikel ghal Uzijiet Nutrittivi Partikolari

Parti A

Gruppi ta' oggetti ta' l-ikel ghal uzijiet nutrittivi partikolari li ghalihom saru jew ser isiru provvedimenti specifici

	Grupp	*Provvediment Rilevanti*
1.	Formoli ghat-Trabi u Formoli tal-Prosegwiment	Regolamenti ta' l-1998 dwar il-Formuli tat-Trabi u l-Formuli tal-Prosegwiment (A.L. 249/98)
2.	Ikel Ipprocessat b'Bazi ta Cereali u Ikel Iehor ghat-Trabi u ghat-Tfal Zghar	Regolamenti ta' l-1998 dwar Ikel Ipprocessat b'Bazi ta Cereali u Ikel Iehor ghat-Trabi u ghat-Tfal Zghar (A.L. 258/98)
3.	Ikel Intiz ghall-Uzu f'Dieti Ristretti fl-Energija ghat-Tnaqqis fil-Piz	Regolamenti ta' l-1999 dwar Ikel Intiz ghall-Uzu f'Dieti Ristretti fl-Energija ghat-Tnaqqis fil-Piz (A.L. 1/99)
4.	Ikel Dijetetiku ghal Skopijiet Medici Specjali	Regolamenti li ghad iridu jkunu adottati
5.	Ikel mahsub biex jaghmel tajjeb ghal Hela ta' Energija ta' Sforz Muskulari Intens, l-aktar ghall-Isportivi	Regolamenti li ghad iridu jkunu adottati

****

Parti B

Gruppi ta' oggetti ta' l-ikel ghal uzijiet nutrittivi partikolari li ghalihom m'hux se jsiru provvedimenti specifici u li dwarhom m'hix mehtiega l-procedura ta' notifikazzjoni preskritta mill-paragrafu 19.13

1. Ikel b'kontenut ridott jew negligibbli ta' sodju jew melh (klorur tas-sodju, melh tal-mejda)
2. Ikel li ma fihx glutina

****

IL-HAMES SKEDA

Regola ghall-Indikazzjoni tal-Qawwa Alkoholika Mkejjla bil-Volum fit-Tikketti ta' Xarbiet Alkoholici ghall-Bejgh lill-Konsumatur Ahhari

1. Il-qawwa alkoholika ghandha titkejjel f'temperatura ta' 20°C.

2. L-ammont tal-qawwa alkoholika ghandu jinghata sa mhux aktar minn punt decimali wiehed. Warajh ghandu jkun hemm is-simbolu '% vol.' u qablu jista' jkun hemm il-kelma 'alkohol' jew it-taqsira 'alk.'.

3. It-tolleranzi pozittivi u negattivi permessi fir-rigward ta' l-indikazzjoni tal-qawwa alkoholika mkejjla bil-volum ghandhom ikunu kif gej, espressi f'valuri assoluti:

   (a) Xarbiet mhux specifikati hawn taht:
   0.3 % vol.;

   (b) Birer li l-qawwa alkoholika taghhom ma taqbizx il-5.5 % vol.; xarbiet ikklassifikati taht is-sottotitolu 22.07 B II tat-Tariffa Doganali Komuni u maghmulin minn gheneb:
   0.5 % vol.;

   (c) Birer li l-qawwa alkoholika taghhom taqbez il-5.5 % vol.; xarbiet ikklassifikati taht is-sottotitolu 22.07 B I tat-Tariffa Doganali Komuni u maghmulin minn gheneb; sidri, meraq imhemmer tal-langas, nbejjed tal-frott u xarbiet simili, mehudin minn frottijiet li m'humiex gheneb, kemm jekk ifexfxu jew ifexxfxu modertament kemm jekk le; xarbiet ibbazati fuq ghasel iffermentat:
   1 % vol.;

   (d) Xarbiet li fihom frott jew bcejjec ta' pjanti mrattbin:
   1.5 % vol.

4. It-tolleranzi mnizzlin fil-paragrafu 3 ghandhom japplikaw bla hsara ghat-tolleranzi li jkunu gejjin mill-metodu ta' analizi uzat biex jiddetermina l-qawwa alkoholika.

IS-SITT SKEDA

Indikazzjoni Obbligatorja dwar Partikolaritajiet fuq Tikketti fuq Certi Oggetti ta' l-Ikel kif mitlub mir-Regolament 17.1

	Tip jew kategorija ta' oggett ta' l-ikel	*Partikolaritajiet*
1.	Oggetti ta' l-ikel li d-durabilità taghhom ittawwlet bis-sahha ta' gassijiet ta' l-ippakkjar bis-sahha tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Additivi fi Hwejjeg ta l-Ikel (A.L. 89/94)	'Ippakkjat f'atmosfera protettiva'
2.	Oggetti ta' l-ikel li fihom dolcifikant jew dolcifikanti kif awtorizzat mir-Regolamenti ta' l-1997 dwar Dolcifikanti li Jintuzaw f'Oggetti ta l-Ikel (A.L. 254/2004)	'fih dolcifikant/i' Dan il-partikolar ghandu jkun ma' l-isem li l-prodott jinbiegh bih.
3.	Oggetti ta' l-ikel li fihom kemm zokkor mizjud u kemm dolcifikant jew dolcifikanti kif awtorizzat mir-Regolamenti ta' l-1997 dwar Dolcifikanti li Jintuzaw f Oggetti ta l-Ikel (A.L. 254/2004)	'ghandu z-zokkor u dolcifikant/i' Dan il-partikolar ghandu jkollu mieghu l-isem li l-prodott jinbiegh bih.
4.	Oggetti ta' l-ikel li fihom aspartam	'fih sors ta' fenilalanina'
5.	Oggetti ta' l-ikel li fihom aktar minn 10 % polioli mizjudin	'konsum eccessiv jista' jipproduci effetti lassattivi'
6.	Hlewwiet jew xarbiet li fihom *glycyrrhizinic acid* jew il-melh ta' ammonju tieghu minhabba z-zjieda tas-sustanza/sustanzi bhala tali jew tal-pjanta tal-likurizja *Glycyrrhiza glabra*, f'koncentrazzjonijiet ta' 100 mg/kg jew 10 mg/l jew oghla	It-terminu 'fih il-likurizja' ghandu jizdied immedjatament wara l-lista ta' ingredjenti, sakemm it-terminu 'likurizja' m'hux digà inkluz fil-lista ta' ingredjenti jew fl-isem li l-prodott jinbiegh bih. Fin-nuqqas ta' lista ta' ingredjenti, il-partikolar ghandu jiehu post qrib l-isem li l-prodott jinbiegh bih.
7.	Hlewwiet li fihom *glycyrrhizinic acid* jew il-melh ta' ammonju tieghu minhabba z-zjieda tas-sustanza/sustanzi bhala tali jew tal-pjanta tal-likurizja *Glycyrrhiza glabra*, f'koncentrazzjonijiet ta' 4 g/kg jew oghla	Il-messagg li gej ghandu jizdied wara l-lista ta' ingredjenti: 'fih il-likurizja – nies li jbatu minn tensjoni gholja ghandhom jevitaw li jiehdu minnu b'mod eccessiv'. Fin-nuqqas ta' lista ta' ingredjenti, il-partikolar ghandu jiehu post qrib l-isem li l-prodott jinbiegh bih.
8.	Xarbiet li fihom *glycyrrhizinic acid* jew il-melh ta' ammonju tieghu minhabba z-zjieda tas-sustanza/sustanzi bhala tali jew tal-pjanta tal-likurizja *Glycyrrhiza glabra*, f'koncentrazzjonijiet ta' 50 mg/l jew oghla, jew ta' 300 mg/l jew oghla fil-kaz ta' xarbiet li fihom aktar minn 1.2 % kkalkulat skond il-volum ta' alkohol ([2]).	Il-messagg li gej ghandu jizdied wara l-lista ta' ingredjenti: 'fih il-likurizja – nies li jbatu minn tensjoni gholja ghandhom jevitaw li jiehdu minnu b'mod eccessiv'. Fin-nuqqas ta' lista ta' ingredjenti, il-partikolar ghandu jiehu post qrib l-isem li l-prodott jinbiegh bih.

[9] Il-livell ghandu japplika ghall-prodotti kif proposti lesti ghall-konsum jew kif rikostitwiti skond l-istruzzjonijiet tal-manifatturi.

IS-SEBA' SKEDA

Sustanzi li jistgħu jiżdiedu għal skopijiet nutrittivi partikolari f'ikel għal użijiet nutrittivi partikolari

Għall-iskop ta' din it-tabella:

- 'FSMP' tfisser ikel għal użijiet nutrittivi partikolari maħsub għal skopijiet mediċi speċjali,
- 'Kull FPNU' tfisser ikel tad-dieta għal użijiet nutrittivi partikolari inklużi FSMPs imma mhux formoli għat-trabi, formoli tal-prosegwiment, ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u ikel għat-trabi maħsub għal trabi u tfal żgħar.

Sustanza	Kondizzjoni ta' l-użu	
	Kull FPNU	FSMP
Kategorija 1 – Vitamini		
VITAMINA A		
retinol	x	
aċetat tar-retinil	x	
palmitat tar-retinil	x	
beta-karotin	x	
VITAMINA D		
kolekalċiferol	x	
ergokalċiferol	x	
VITAMINA E		
D-alfa-tokoferol	x	
DL-alfa-tokoferol	x	
aċetat tad-D-alfa-tokoferol	x	
aċetat tad-DL-alfa-tokoferol	x	
suċċinat ta' l-aċidu D-alfa-tokoferol	x	
VITAMINA K		
fillokinone (fitomenadione)	x	
VITAMINA B1		
idroklorur tat-tiamin	x	
mononitrat tat-tiamin	x	
VITAMINA B2		
riboflavin	x	
riboflavin 5'-fosfat, sodju	x	
NIAĊIN		
aċidu nikotiniku	x	
nikotinamid	x	
AĊIDU PANTOTENIKU		
D-pantotenat, kalċju	x	

Sustanza	Kondizzjoni ta' l-użu	
	Kull FPNU	FSMP
D-pantotenat, sodju	x	
despantenol	x	
VITAMINA B6		
idroklorur tal-piridossina	x	
5'-fosfat tal-piridossina	x	
dipalmitat tal-piridossina	x	
AĊIDU FOLIKU		
aċidu pteroilmonoglutamiku	x	
VITAMINA B12		
cjanokobalamin	x	
idrossokobalamin	x	
BIOTINA		
D-biotina	x	
VITAMINA Ċ		
aċidu L-askorbiku	x	
L-askorbat tas-sodju	x	
L-askorbat tal-kalċju	x	
L-askorbat tal-potassju	x	
6-palmitat ta' L-askorbil	x	
Kategorija 2 – Minerali		
KALĊJU		
karbonat	x	
klorur	x	
mlieħ ta' aċidu ċitriku	x	
glukonat	x	
gliċerofosfat	x	
lattat	x	
mlieħ ta' aċidu ortofosforiku	x	
idrossidu	x	
ossidu	x	
sulfat	x	
MAGNESJU		
aċetat	x	
karbonat	x	
klorur	x	
mlieħ ta' aċidu ċitriku	x	
glukonat	x	
gliċerofosfat	x	
mlieħ ta' aċidu ortofosforiku	x	
lattat	x	

Sustanza	Kondizzjoni ta' l-użu	
	Kull FPNU	FSMP
idrossidu	x	
ossidu	x	
sulfat	x	
ĦADID		
karbonat tal-ħadid	x	
ċitrat tal-ħadid	x	
ċitrat ta' l-ammonju tal-ħadid	x	
glukonat tal-ħadid	x	
fumarat tal-ħadid	x	
difosfat tas-sodju tal-ħadid	x	
lattat tal-ħadid	x	
sulfat tal-ħadid	x	
difosfat tal-ħadid (pirofosfat tal-ħadid)	x	
sakkarat tal-ħadid	x	
ħadid elementali (karbonil + elettrolitiku + idroġenu ridott)	x	
RAM		
karbonat kupriku	x	
ċitrat kupriku	x	
glukonat kupriku	x	
sulfat kupriku	x	
kumpless tal-lisina tar-ram	x	
JODJU		
jodur tal-potassju	x	
jodat tal-potassju	x	
jodur tas-sodju	x	
jodat tas-sodju	x	
ŻINGU		
aċetat	x	
klorur	x	
ċitrat	x	
glukonat	x	
lattat	x	
ossidu	x	
karbonat	x	
sulfat	x	
MANGANIŻ		
karbonat	x	
klorur	x	
ċitrat	x	
glukonat	x	
gliċerofosfat	x	

Sustanza	Kondizzjoni ta' l-użu	
	Kull FPNU	FSMP
sulfat	x	
SODJU		
bikarbonat	x	
karbonat	x	
klorur	x	
ċitrat	x	
glukonat	x	
lattat	x	
idrossidu	x	
mlieħ ta' aċidu ortofosforiku	x	
POTASSJU		
bikarbonat	x	
karbonat	x	
klorur	x	
ċitrat	x	
glukonat	x	
gliċerofosfat	x	
lattat	x	
idrossidu	x	
mlieħ ta' aċidu ortofosforiku	x	
SELENJU		
selenat tas-sodju	x	
selenat ta' l-idrogenu tas-sodju	x	
selenit tas-sodju	x	
KROMJU (III) u l-essaidrati tagħhom		
klorur	x	
sulfat	x	
MOLIBDENU (VI)		
molibdat ta' l-ammonju	x	
molibdat tas-sodju	x	
FLUWORIN		
fluworidu tal-potassju	x	
fluworidu tas-sodju	x	
Kategorija 3 – Aċidi amminiċi		
L-alanina	x	
L-arginina	x	
aċidu L-aspartiku		x
L-ċitrullina		x
L-ċisteina	x	
Ċistina	x	

Sustanza	Kondizzjoni ta' l-użu	
	Kull FPNU	FSMP
L-istidina	x	
aċidu L-glutamiku	x	
L-glutamina	x	
gliċina		x
L-isolewċina	x	
L-lewcina	x	
L-lisina	x	
aċetat tal-L-lisina	x	
L-metionina	x	
L-ornitina	x	
L-fenilalanina	x	
L-prolina		x
L-treonina	x	
L-triptofan	x	
L-tirosina	x	
L-valina	x	
L-serinea		x
L-arginina-L-aspartat		x
L-lisina-L-aspartat		x
L-lisina-L-glutamat		x
N-acetil-L-cisteina		x
N-acetil-L-metionina		x fi prodotti maħsubin għal persuni 'l fuq minn sena
Fil-każ ta' l-aċidi amminiċi, safejn hu applikabbli, ukoll l-imlieħ tas-sodju, potassju, kalċju u magnesju u wkoll l-idrokloruri tagħhom jistgħu jintużaw		
Kategorija 4 – Karnitina u tawrina		
L-karnitina	x	
Idroklorur ta' l-L-karnitina	x	
tawrina	x	
L-karnitina-L-tartrat	x	
Kategorija 5 – Nukleotidi		
adenosina 5'- aċidu fosforiku (AMP)	x	
mlieħ tas-sodju ta' AMP	x	
ċitidina 5'-aċidu monofosforiku (CMP)	x	
mlieħ tas-sodju ta' CMP	x	
gwanosina 5'-aċidu fosforiku (GMP)	x	
mlieħ tas-sodju ta' GMP	x	
inosina 5'-aċidu fosforiku (IMP)	x	
mlieħ tas-sodju ta' IMP	x	
uridina 5'-aċidu fosforiku (UMP)	x	
mlieħ tas-sodju ta' UMP	x	

Sustanza	Kondizzjoni ta' l-użu	
	Kull FPNU	FSMP
Kategorija 6 – Kolin u inositol		
kolin	x	
klorur tal-kolin	x	
bitartrat tal-kolin	x	
ċitrat tal-kolin	x	
inositol	x	